MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 204/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Fenech talli bhala persuna registrata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 21 ta’ Marzu, 2002, u moghtija fil-konfront tieghu in kwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ sitt (6) liri Maltin ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Carmelo Fenech jigi kkundannat ihallas il-penali msemmija fis-sentenza fuq riferita ghall-perijodu li jibda mit-22 ta' Mejju 2002 sat-23 ta' Ottubru 2003, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmelo Fenech hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghall-penali ta’ tlett elef mija w ghoxrin liri Maltin (LM3,120) ghall-perijodu bejn it-22 ta' Mejju 2002 u t-23 ta' Ottubru 2003, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Carmelo Fenech tat-18 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa li ma saritx l-identifikazzjoni mehtiega ta' l-appellant (allura imputat) bhala l-persuna li dwarha nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2002. Jghid li l-ezistenza ta' sentenza jew l-effetti taghha fil-konfront ta' persuna, bhal fil-procediment tar-recidiva, tiddependi mill-prova tas-sentenza permezz ta' kopja awtentikata u l-identita` tal-persuna. Quddiem l-ewwel Qorti, isostni l-appellant, ma ngabitx il-prova ta' l-identita` tal-persuna li kellha tissokkombi ghall-effetti tad-decizjoni suddetta. Fil-fatt meta l-prosekutur gie mistoqsi jekk jaghrafx li l-appellant huwa l-istess persuna li dwarha tirreferi s-sentenza Dok. SP4, qal car u tond li mhuwiex jaghrfu ghax ghadda hafna zmien. Ghalhekk, jinsisti l-appellant, l-imputazzjoni dedotta ma gietx sostanzjata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, fejn l-

appellant f'dik il-kawza kien qieghed jikkontendi li ma kinitx saret il-prova tar-recidiva, gie ritenut hekk:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati …."*

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Fil-kaz in ezami l-ewwel prova saret billi quddiem l-ewwel Qorti giet esebita minn Paul Scicluna kopja ufficjali ta' sentenza li kienet inghatat fil-21 ta' Marzu 2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Dok. SP4 a fol. 9). Minnha jirrizulta li dik is-sentenza nghatat fil-konfront ta' "Carmelo Fenech, I.D. 656163(M), bin Bartholomeo u Paola nee` Azzopardi, imwieled fl-1 ta' Novembru 1963 u residenti 'Melinda', Triq Hlantun, Safi, Malta". Dawn il-konnotati huma identici ghal dawk moghtija fic-citazzjoni mahruga kontra l-appellant odjern

(a fol. 1). Barra minn hekk Paul Scicluna, li huwa VAT inspector u mexxa l-prosekuzzjoni kontra l-appellant quddiem l-ewwel Qorti, ikkonferma li dawn id-dettalji, inkluz in-numru tal-VAT, jaqblu anke mar-records ta' l-Ufficcju tal-VAT. Prova ta' l-identita` tal-persuna ma tfissirx unikament identifikazzjoni tal-persuna minn wiccu. L-ewwel Qorti, mill-provi migjuba quddiemha, qalet li kienet soddisfatta li "l-imputat f'din il-kawza hu l-istess imputat fil-kawza fl-istess ismijiet deciza fil-21 ta' Marzu, 2002". Din il-Qorti, wara li rat id-dokumenti kollha esebiti u semghet ix-xiehda ta' Paul Scicluna hi wkoll soddisfatta li l-appellant huwa l-istess Carmelo Fenech li dwaru nghatat is-sentenza tal-21 ta' Marzu, 2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------